MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 722/2003

Maruti Motors Limited
vs
V & M Enterprises Limited

It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici, fid-9 t'April, 2003, fejn intalab il-hlas ta' tliet mija u sebgha u disghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmi (LM 397.81) dovuti skond seba' kambjali li gew iffirmati minnha u li kollha skadew izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li giet diversi drabi interpellata u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Dicembru, 2001 u tat-28 ta' Jannar, 2003 u tal-parir

(LM12) kontra s-socjeta’ konvenuta u bl-imghax kontra l-istess socjeta’ mid-data ta’ kull skadenza.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata baqghet ma prezentatx risposta.

Ra n-nota guramentata tal-Avv Dr Louis Bianchi li l-ammont ghadu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna is-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ tliet mija u sebgha u disghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (LM397.81) bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------